# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## (Sede Kostituzzjonali)

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 11 ta' Ġunju, 2020**

**Kawża Nru. 10**

**Rik. Kost. 89/16 JRM**

Anthony **FARRUGIA**, Lawrence Cassar, Victor Mizzi u Raymond Schembri

vs

**AWTORITA' GĦAT-TRASPORT F'MALTA** u l-Onorevoli Ministru għat-Trasport u għall-Infrastruttura

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Settembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra r-rikorrenti talbu li l-Qorti (1) issib li bil-ħruġ tal-Avviż Legali 100 tal-2010, tal-Avviż Legali 100 tal-2011 u tal-Avviż Legali 253 tal-2012, huma ġarrbu ksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom kif imħarsa mill-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta (aktar 'il quddiem imsejħa 'l-Kostituzzjoni'), u mill-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-

Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa 'l-Konvenzjoni'), kif ukoll mill-Artikolu 14 ta' l-istess Konvenzjoni; u (2) tagħti dawk l-ordnijiet, provvedimenti u dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa sabiex huma jingħataw rimedju xieraq u adegwat għall-ksur tad-drittijiet fondamentali mġarrba minnhom, magħdud kumpens għall-ħsarat pekunjarji u non-pekunjarji mġarrbin minnhom. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tad-29 ta' Settembru, 2016[1], li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-18 ta' Ottubru, 2016, u ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa fit-13 ta' Ottubru, 2016[2], mill-Awtorità intimata li biha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti billi, preliminarjament, qalet li kull wieħed mir-rikorrenti jridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża. Fil-mertu, ċaħdet it-talbiet attriċi billi qalet li (1) l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum billi japplika biss meta jsir "teħid ta' proprjetà b'mod obbligatorju", billi liċenzja ta' irmiġġjar ma tikkwalifikax bħala "proprjetà" fis-sens tal-imsemmi artikolu, u f'kull każ, il-liċenzja ma tteħditilhomx; (2) ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni billi, anke jekk liċenzja titqies bħala "possediment", il-liċenzja ma tteħditx. Tgħid wkoll li l-Avviżi Legali jassiguraw li ċertu xogħol jista' jsir biss mill-irmiġġjaturi liċenzjati; (3) l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza awtonoma, u jrid jiġi sollevat, f'dan il-każ, b'rabta ma' xi ksur ta' jedd sostantiv ieħor imħares mill-istess Konvenzjoni marbut mad-dritt ta' tgawdija paċifika tal-possediment tagħhom. Kemm-il darba kellu jintlaqa' l-argument tal-eċċipjenti li d-dritt pretiż mir-rikorrenti mhux "possediment", lanqas jista' jingħad li saret diskriminazzjoni taħt l-Artikolu 14. Tgħid wkoll li l-bażi tad-diskriminazzjoni allegata mhijiex tax-xorta li qed jirreferi għaliha l-Artikolu 14; (4) ebda kumpens mhu dovut, u fl-agħar ipoteżi, kull kumpens li jista' jiġi meqjus dovut għandu jkun biss nominali billi dawn mhumiex proċeduri ċivili għal danni. Tgħid wkoll li kull talba għal "danni attwali" għandha tiġi ppruvata kif imiss;

Rat it-Tweġiba mressqa fl-14 ta' Ottubru, 2016[3], mill-Ministru mħarrek li biha, preliminarjament, laqa' billi qal li (1) l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum billi ma hemm ebda teħid forzuż ta' proprjetà; u (2) jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li jressqu din il-kawża. Fil-mertu ċaħad it-talbiet attriċi billi qal li (1) ma hemm ebda ksur tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni billi r-

[1] Paġ. 6 tal-proċess
[2] Paġġ. 16 sa 22 tal-proċess
[3] Paġġ. 51 sa 53 tal-proċess

rikorrenti ma ġew żvestiti minn ebda liċenzja ta' rmiġġjar, għaldaqstant ma jistax jingħad li l-jedd tal-proprjetà ser jispiċċa bit-tħaddim tal-Avviżi Legali li minnhom jilmintaw, bil-konsegwenza li t-tezi tagħhom li hemm ċaħda tal-proprjetà ma treġix. Lanqas jista' jingħad li hemm kontroll ta' użu tal-possediment tagħhom billi r-rikorrenti għadhom fil-pussess tal-possediment tagħhom u jistgħu jaħdmu bih. L-indħil fit-tgawdija li r-rikorrenti qed jilmentaw minnu hija permessibbli taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (3) L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għal dan il-każ billi r-rikorrenti mhux qed iqabblu lilhom nfushom ma' rmiġġjaturi oħra iżda ma' bdoti u ma okkupazzjonijiet oħra marittimi u portwali. Iżid jgħid ukoll li l-Artikolu 14 m'għandux eżistenza separata iżda jrid jitqies flimkien ma' disposizzjonijiet oħra ta' l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittiijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Itemm jgħid li (4) azzjoni ta' natura kostituzzjonali mhix maħsuba biex persuna tikseb danni reali, iżda l-aktar li tista' tikseb huma danni morali fil-forma ta' danni non pekunjarji;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Ottubru, 2016[4], li bih laqgħet it-talba tar-rikorrenti tas-7 ta' Ottubru, 2016[5], sabiex isiru tibdiliet fl-att promotur;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2019[6], li bih ordnat li tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, u mill-eżitu ta' dik is-sentenza, jkun regolat il-mixi 'l quddiem tal-kawża dwar it-talba attriċi l-oħra u l-eċċezzjonijiet dwarhom;

Rat il-provi u d-dokumenti mressqa quddiemha;

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' April, 2019[7], li bih laqgħet it-talba tal-partijiet u awtorizzat li t-trattazzjoni dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti ssir bil-miktub;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-14 ta' Mejju, 2019[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati tas-27 ta' Awwissu, 2019[9], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni ulterjuri tal-avukati tal-partijiet[10];

---

[4] Paġ. 11 tal-proċess
[5] Paġġ. 7 sa 10 tal-proċess
[6] Paġ. 191 tal-proċess
[7] Paġ. 204 tal-proċess
[8] Paġġ. 206 sa 225 tal-proċess
[9] Paġġ. 230 sa 252 tal-proċess
[10] Paġ. 255 tal-proċess

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta' Ottubru, 2019 li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar is-siwi tal-ewwel talba tar-rikorrenti u l-eċċezzjonijiet dwarha;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali. Ir-rikorrenti, bħala persuni li għandhom liċenzja ta' irmiġġjaturi, jgħidu li qegħdin iġarrbu dan il-ksur, kemm taħt il-Kostituzjoni u kif ukoll taħt il-Konvenzjoni, minħabba l-ħruġ ta' numru ta' Avviżi Legali li ġew fis-seħħ u li jolqtu l-ħidma tagħhom bħala rmiġġjaturi. B'dawn l-emendi, ir-rikorrenti jgħidu li ma għadx jistgħu jaħdmu fil-portijiet kollha li, qabel d-dħul fis-seħħ tal-emendi, kienu jaħdmu fihom, minkejja li huma liċenzjati bħala irmiġġjaturi mill-Awtorità mħarrka. Jgħidu li dan wassal għal telf ta' dħul u għaldaqstant jitolbu li jkunu kumpensati;

Illi għal din l-azzjoni, l-Awtorità intimata, preliminarjament, qalet li kull wieħed mir-rikorrenti jridu jippruvaw l-interess ġuridiku tagħhom fil-kawża. Fil-mertu, ċaħdet it-talbiet attriċi billi qalet li (1) l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum billi japplika biss meta jsir "teħid ta' proprjetà b'mod obbligatorju", billi liċenzja ta' irmiġġjar ma tikkwalifikax bħala "proprjetà" fis-sens tal-imsemmi artikolu, u f'kull każ, il-liċenzja ma tteħditilhomx; (2) ma hemm ebda ksur tal-Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni billi, anke jekk liċenzja titqies bħala "possediment", il-liċenzja ma tteħditx. Tgħid wkoll li l-Avviżi Legali jassiguraw li ċertu xogħol jista' jsir biss mill-irmiġġjaturi liċenzjati; (3) l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni m'għandux eżistenza awtonoma, u jrid jiġi sollevat, f'dan il-każ, b'rabta ma' xi ksur ta' jedd sostantiv ieħor imħares mill-istess Konvenzjoni marbut mad-dritt ta' tgawdija paċifika tal-possediment tagħhom. Kemm-il darba kellu jintlaqa' l-argument tal-eċċipjenti li d-dritt pretiż mir-rikorrenti mhux "possediment", lanqas jista' jingħad li saret diskriminazzjoni taħt l-Artikolu 14. Tgħid wkoll li l-bażi tad-diskriminazzjoni allegata mhijiex tax-xorta li qed jirreferi għaliha l-Artikolu 14; (4) ebda kumpens mhu dovut, u fl-agħar ipoteżi, kull kumpens li jista' jiġi meqjus dovut għandu jkun biss nominali billi dawn mhumiex proċeduri ċivili għal danni. Tgħid wkoll li kull talba għal "danni attwali" għandha tiġi ppruvata kif imiss;

Illi, min-naħa tiegħu, il-Ministru mħarrek laqa' billi qal li (1) l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għall-każ tallum billi ma hemm ebda

teħid forzuż ta' proprjetà; u (2) jonqos fir-rikorrenti l-interess ġuridiku li jressqu din il-kawża. Fil-mertu ċaħad it-talbiet attriċi billi qal li (1) ma hemm ebda ksur tal-Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni billi r-rikorrenti ma ġew żvestiti minn ebda liċenzja ta' rmiġġjar, għaldaqstant ma jistax jingħad li l-jedd tal-proprjetà ser jispiċċa bit-tħaddim tal-Avviżi Legali li minnhom jilmintaw, bil-konsegwenza li t-tezi tagħhom li hemm ċaħda tal-proprjetà ma treġix. Lanqas jista' jingħad li hemm kontroll ta' użu tal-possediment tagħhom billi r-rikorrenti għadhom fil-pussess tal-possediment tagħhom u jistgħu jaħdmu bih. L-indħil fit-tgawdija li r-rikorrenti qed jilmentaw minnu hija permessibbli taħt l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni; (3) L-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx għal dan il-każ billi r-rikorrenti mhux qed iqabblu lilhom nfushom ma' rmiġġjaturi oħra iżda ma' bdoti u ma okkupazzjonijiet oħra marittimi u portwali. Iżid jgħid ukoll li l-Artikolu 14 m'għandux eżistenza separata iżda jrid jitqies flimkien ma' disposizzjonijiet oħra ta' l-istess Konvenzjoni li jiggarantixxu t-tgawdija tad-drittiijiet u libertajiet kontemplati fil-Konvenzjoni. Itemm jgħid li (4) azzjoni ta' natura kostituzzjonali mhix maħsuba biex persuna tikseb danni reali, iżda l-aktar li tista' tikseb huma danni morali fil-forma ta' danni non pekunjarji;

Illi b'degriet tagħha tal-10 ta' Jannar, 2019[11], il-Qorti ordnat li tingħata deċiżjoni dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti, u mill-eżitu ta' dik is-sentenza, jiġi determinat il-mod u l-ħtieġa tat-tieni talba tar-rikorrenti. Il-Qorti tara ukoll li mhemmx aktar il-ħtieġa li tqis l-eċċezzjoni tal-imħarrkin marbuta man-nuqqas ta' interess ġuridiku fir-rikorrenti billi mis-sottomissjonijiet jirriżulta li m'għadhomx jinsistu fuqha[12];

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti tal-każ kif joħorġu mill-atti tal-kawża, jirriżulta li r-rikorrenti huma lkoll ħaddiema tal-port, liċenzjati mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (minn issa 'l quddiem imsejħa l-"Awtorità") bħala irmiġġjaturi[13], wara sejħa għal impjieg li saritilhom minnha[14];

Illi l-irmiġġjaturi kienu jwettqu xogħolhom mill-portijiet kollha ta' Malta, bl-esklużjoni ta' kull persuna oħra. Xogħol irmiġġjatur jikkonsisti, fost oħrajn, f'li jorbot u jħoll mill-art jew minn fuq laneċ skond il-ħtieġa u l-kobor tal-vapur, il-vapuri li jidħlu jew joħorġu mill-port[15];

Illi fil-qasam marittimu, fuq medda ta' snin, saru numru ta' riformi. F'April 2003[16], bit-twaqqif ta' koperattiva tal-bdoti, daħlet fis-seħħ

[11] Paġ. 191 tal-proċess
[12] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrkin f'paġ. 240 tal-proċess
[13] Ara x-xhieda tal-Avukat Robert Vassallo f'paġ. 60 tal-proċess
[14] Ara x-xhieda ta' Anthony Farruġia f'paġ. 194 tal-proċess
[15] Ara x-xhieda ta' l-Avukat Robert Vassallo f'paġ. 60 tal-proess, tal-Kaptan David Buġeja f'paġġ. 114, 115, 120 u 122 tal-proċess, u ta' Joseph Farruġia f'paġ. 144 tal-proċess
[16] Avviż Legali 96 tal-2003

segregazzjoni bejn il-kategorija ta' bdoti u dik ta' l-irmiġġjaturi. Minkejja dan, xogħol l-irmiġġjaturi baqa' jiġi regolat bil-liġi li kienet fis-seħħ sa dak iż-żmien[17]. Permezz tal-Avviż Legali 100 tal-2010[18], l-irmiġġaturi, is-servizzi provduti minnhom u t-tariffi għal dawn is-servizzi ġew regolati, u bis-saħħa tal-artikolu 10 tiegħu, twaqqaf Korp tal-Irmiġġaturi magħmul mill-irmiġġaturi kollha li jkollhom liċenza;

Illi bis-saħħa tal-Avviż Legali 100 tal-2011, ġie regolarizżat is-servizz ta' rmiġġ provdut minn *terminals*[19]. Kemm hu hekk, is-servizz ta' irmiġġ ġie liberalizzat u filwaqt li l-liċenzja ma ntmessitx, l-irmiġġjaturi liċenzjati mill-Awtorità tilfu l-esklussività li kellhom ġewwa l-portijiet. F'numru ta' portijiet, it-*terminals* bdew iqabbdu nies mhux irmiġġaturi liċenzjati biex jagħmlu x-xogħol ta' irmiġġ[20]. Min-naħa l-oħra, kien hemm *terminals* oħra li xorta nsistew li s-servizz jingħata mill-bdoti liċenzjati mill-Awtorità[21];

Illi wara diskussjonijiet li saru bejn rappreżentanti tal-bdoti u l-Gvern ta' dak iż-żmien[22], daħal fis-seħħ l-Avviż Legali 253 tal-2012[23], li waqqaf il-Ko-operattiva ta' Irmiġġjaturi. L-Awtorità daħlet f'arranġament ("*mooring services level agreement*") mal-Ko-operattiva li bis-saħħa tiegħu, l-irmiġġjaturi liċenzjati ngħataw l-esklussività ta' numru ta' portijiet[24]. Jirriżulta wkoll li hemm numru ta' mollijiet li l-irmiġġjaturi liċenzjati jagħtu s-servizz tagħhom minkejja li ma humiex imnizzla fost il-mollijiet fl-Avviż Legali;

Illi fis-26 ta' Awissu, 2010[25], numru ta' irmiġġjaturi fetħu proċeduri legali kontra l-Awtorità bil-għan li jwaqqfuha milli tippermetti lil terzi mhux liċenzjati milli jagħmlu xogħol ta' irmiġġ. Permezz ta' sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-28 ta' Novembru, 2013[26], it-talbiet tagħhom ma ntlaqgħux;

Illi l-kawża nfetħet fit-28 ta' Settembru, 2018;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali li din il-Qorti trid tqis jolqtu l-mertu vera u proprju tal-ewwel talba dwar jekk huwiex minnu li r-

---

[17] A.L. 163 tal-1975. Ara wkoll ix-xhieda ta' Joseph Farruġia f'paġ. 146 tal-proċess
[18] Regolamenti tal-2010 dwar is-Servizzi ta' Rmiġġ
[19] Art. 3(a) tar-Regolamenti tal-2011 dwar Servizzi ta' Rmiġġ
[20] Ara x-xhieda ta' Dr Robert Vassllo f'paġ. 64 tal-proċess, ix-xhieda ta' Joseph Farruġia f'paġ. 147 tal-proċess, ix-xhieda ta' Adrian Cachia f'paġ. 164 tal-proċess, u Dok. "ACA" f'paġ. 175 tal-proċess
[21] Ara x-xhieda tal-Kaptan David Buġeja f'paġ. 117 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda ta' Joseph Farruġia f'paġ. 148 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda ta' Anthony Farruġia f'paġġ. 201, 202, 170 u 171tal-proċess, u Dok. "JF1" sa Dok. "JF3" f'paġġ. 158 sa 160 tal-proċess
[23] L.S. 499.03
[24] L-Ewwel Skeda tar-Regolamenti tal-2012 dwar Servizzi ta' Rmiġġ. Ara wkoll i x-xhieda tal-Avukat Robert Vassallo f'paġ. 65 tal-proċess, u dik ta' Joseph Farruġia f'paġ. 149 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "RVB" f'paġ. 88 tal-proċess, u x-xhieda ta' Dr Robert Vassallo f'paġ. 89 tal-proċess
[25] Rik. Nru. 853/2010JZM fil-kawża fl-ismijiet ***Adrian James Abela et vs. Awtorità għat-Trasport f'Malta*** (mhix appellata)
[26] Dok. "TM1" f'paġġ. 23 sa 48 tal-proċess

rikorrenti ġarrbu jew qegħdin iġarrbu ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fundamentali tagħhom minħabba dawn il-ġrajja. Dan kollu huwa limitat bid-degriet tal-Qorti li qabel kull ħaġa oħra, tqis l-ewwel talba tar-rikorrenti, u mill-eżitu ta' dik is-sentenza, jiġi determinat il-mod u l-ħtieġa tat-tieni talba tar-rikorrenti. Ir-rikorrenti jsejsu l-ilment tagħhom kemm fuq l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, kif ukoll fuq l-artikoli 14 u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi l-**ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom** jinbena fuq bidliet legali li daħlu fis-seħħ bejn l-2010 u l-2012, u li ħallew impatt fuq ix-xogħol tar-rikorrenti bħala irmiġġjaturi fil-portijiet ta' Malta. Huma jgħidu li bil-bidliet leġislattivi li ddaħħlu, persuni mhux liċenżjati mill-Awtorità wkoll tħallew jagħmlu xogħol ta' irmiġġ fil-portijiet, u li saħansitra huma tilfu l-jedd li jaħdmu minn xi portijiet li qabel irmiġġaturi liċenzjati biss setgħu jaħdmu fihom. Iqisu l-liċenzja li ngħatatilhom mill-Awtorità bħala 'possediment' għall-finijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, u jgħidu li bit-twaqqif tat-*terminals* u bil-liberalizzazzjoni tas-servizz ta' irmiġġ, il-possediment li kellhom ixxejjen. Jgħidu wkoll li l-bidliet li ddaħħlu bl-Avviż Legali 253 tat-2012, għalkemm tejbu l-qagħda taghhom, ħolqu sistema ta' kontroll fl-użu tal-liċenzja. Jisħqu li l-intimati jridu jwieġbu għal dan it-telf;

Illi min-naħa tagħhom, l-intimati jgħidu li l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddx għalihom minħabba dak li jgħid is-subinċiż (2)(f) tiegħu. L-istess artikolu ma japplikax billi lir-rikorrenti ma ttiħditilhomx b'mod obligatorju l-liċenzja li jaħdmu biha. Għall-kuntrarju, l-leġislazzjoni preżenti tathom saħansitra element ta' esklussività. Jgħidu li l-indħil, kontroll jew limitazzjoni fuq ġid ma jwassalx għal ksur ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Jisħqu li l-liċenzja ta' rmiġġjaturi ma tistax tintiret jew tintuża minn ħaddieħor. Lanqas hija marbutaa ma' xi '*goodwill*' bħal fil-każ ta' negozju. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li liċenzja ta' rmiġġjaturi tagħti lir-rikorrenti xi 'dritt ta' proprjetà' jew 'possediment'. F'kull każ li liċenzja kellha titqies bħala 'proprjetà' jew 'possediment', il-bidliet li saru fil-liġi saru fil-qafas tas-setgħa mogħtija mil-liġi lill-Awtorità, u fl-interess pubbliku;

Illi safejn l-azzjoni tar-rikorrenti tinbena fuq **l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni**, dan jipprovdi li:

*"(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm dispożizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist – (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;*

*(b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u*

*(ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta. ....*";

Illi għall-finijiet tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, skond l-aħħar tifsir li ngħata mill-Qrati tagħna dwar il-parametri li fihom jista' jirriżulta ksur tiegħu, ma huwiex aktar il-każ li wieħed iqisu biss mil-lenti dejqa tat-teħid għal kollox tal-ġid li jkun: huwa biżżejjed biex jirriżulta ksur tal-imsemmi artikolu fejn jirriżulta li jkun hemm "*limitazzjoni tant sostanzjali li fil-prattika tirrendihom kompletament privi mid-dritt ta' tgawdija tal-istess proprjetà*"[27];

Illi l-kwestjoni bejn il-partijiet fil-qofol tagħha għandha titqies fil-qafas ta' natura ta' liċenzja maħruġa mill-Awtorità lir-rikorrenti bħala irmiġġjaturi. Il-liċenzja ssejjaħ biss lill-irmiġġjatur konċernat, u tispiċċa meta l-irmiġġjatur jilħaq l-età ta' irtirar[28], jew f'każijiet oħra msemmija fir-regolamenti. L-Awtorità wkoll ingħatat is-setgħa bil-liġi li tirrevoka jew tissospendi liċenzja maħruġa minnha skond l-istess regolamenti[29].

Illi qabel il-bidliet fil-liġi tal-2010, bil-liċenzja ta' irmiġġjaturi, ir-rikorrenti setgħu jaħdmu fil-portijiet kollha li fihom kien isir irmiġġ ta' vapuri. Dak li wassal għall-qagħda li r-rikorrenti jinsabu fiha llum ġrat bl-intervent leġislattiv li seħħ bl-emendi li ddaħħlu mill-2010 'l quddiem, li bihom l-irmiġġjaturi setgħu jaħdmu f'dawk il-portijiet identifikati fir-regolamenti. F'uħud minnhom, l-irmiġġjaturi ngħatalhom il-jedd ta' esklussività;

Illi fi kliem l-intimati, ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandhom xi 'jedd ta' proprjetà' billi n-natura ta' liċenzja li nħarġitilhom mill-Awtorità, tagħtihom biss jedd personali limitat biż-żmien li tista' tintuża[30]. Ir-rikorrenti, min-naħa l-oħra, jisħqu li liċenzja "simili" ġiet meqjusa mill-Qrati tagħna bħala li tikkostitwixxi possediment "għal finijiet tal-Konvenzjoni"[31];

Illi l-bidla leġislattiva mfissra aktar 'il fuq, fil-fehma tal-Qorti, ma tiħux s-sura ta' xi għamla ta' teħid ta' pussess obbligatorju ta' proprjetà kif

---

[27] Kost. **24.6.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Peter Ellis et vs Avukat Ġenerali et***
[28] Art. 7(3) tal-A.L. 253/2012 (L.S. 499.03), qabel Art. 18(3) tal-A.L. 100/2010;
[29] Art. 8 tal-A.L. 253/2012 (L.S. 499.03), qabel Art. 19 tal-A.L. 100/2010;
[30] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati f'paġ. 244 tal-proċess
[31] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġ. 217 tal-proċess u għar-referenza ta' każistika hemm imsemmija (footnote 5 u 6)

maħsub fl-imsemmi artikolu tal-Kostituzzjoni. Dan għaliex, l-ewwel u qabel kollox, il-liċenzja tar-rikorrenti ma tistax titqies bħala 'proprjetà' fit-termini ta' l-artikolu 37 għall-istess argumenti mqanqla mill-imħarrkin. Anke jekk għall-grazzja tal-argument liċenzja kellha titqies bħala 'proprjetà', l-effett tal-bidliet ma jistax jissarraf f'teħid forzuż b'mod sħiħ jew li l-limitazzjoni kienet tant sostanzjali li fil-prattika ir-rikorrenti tneżżgħu għal kollox mill-jedd ta' tgawdija tal-istess proprjetà;

Illi għalhekk, safejn it-talba tar-rikorrenti tinbena fuq allegat ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti ma ssibx li hija mistħoqqa, la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

Illi f'dak li jirrigwarda l-ksur allegat taħt **l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni**, il-kwestjoni tieħu xejra oħra. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ il-kwestjoni mqajma mir-rikorrenti taħt din id-dispożizzjoni;

Illi l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jipprovdi li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġiipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

*"Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla lużu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni";*

Illi fit-tifsira u l-applikazzjoni li ngħatat mill-Qrati dwar l-imsemmija dispożizzjoni bħala parti mil-liġi tagħna, ingħad li din testendi biex tħares it-tgawdija ħielsa mill-persuna dwar ħwejjiġha (il-possedimenti tagħha) u mhux biss il-ħarsien mit-teħid ta' pussess kif maħsub fl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Huwa minħabba f'hekk li l-applikabilita' tal-artikolu taħt il-Konvenzjoni jidher li hija usa' minn dak taħt il-Kostituzzjoni;

Illi bħalma bosta drabi ngħad, l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll fih tliet regoli: L-ewwel regola tistabilixxi d-dritt li kull persuna (kemm fiżika u kif ukoll morali) tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet. It-tieni regola trid li biex persuna ma titħalliex tgawdi ħwejjiġha bil-kwiet irid ikun hemm interess pubbliku u bla ħsara ta' kundizzjonijiet maħsuba fil-liġi u l-prinċipji ġenerali ta' dritt internazzjonali. It-tielet regola trid li l-ewwel żewġ regoli ma jnaqqsux il-jedd tal-Istat li jwettaq liġijiet li jkunu xierqa biex (a) jikkontrolla l-użu talġid skond

l-interess ġenerali, jew (b) biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi, kontribuzzjonijiet jew pwieni. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-egħmil tal-Istat. Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[32] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra;

Illi, fuq kollox, l-imsemmija tliet regoli tal-artikolu 1 huma msenslin waħda mal-oħra u għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin[33]. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjetà demokratika, dawn ma jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi. Dan ukoll jgħodd fejn l-Istat ma jiħux ġid f'idejh imma, jgħaddi liġijiet maħsuba biex jirregolaw l-użu u t-tgawdija ta' ġid bħal dak;

Illi ma hemm l-ebda dubju li t-tifsira mogħtija lill-kelma "possedimenti" fl-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni hija waħda wiesgħa u żgur tmur lil hinn mit-tifsira ta' sempliċi proprjetà. Kemm hu hekk "*The English language text uses the word 'possession' to describe the protected interest but any suggestions that it should be read narrowly is refuted by the word 'biens' in the French text which indicates that a wide range of proprietorial interests were intended to be protected. It embraces immoveable and moveable property and corporal and incorporeal interests, such as company shares and intellectual property. A cause of action that has unconditionally vested may qualify as an 'asset' constituting a 'possession'. Contractual rights, including leases, and judgment debts are possessions. The essential characteristic is the acquired economic value of the individual interest. Expectations do not generally have the degree of concreteness to bring them within the idea of 'possessions', although 'legitimate expectations' may be relevant in establishing that there are rights to be protected by Article 1 of the First Protocol*"... Illi fil-każ ta' spettativa leġittima, "*there must first be an 'asset' that can qualify as a 'possession' under Article 1 of the First Protocol. The 'legitimate expectation' relates to the merits of the 'asset'..*"[34];

Illi ta' min jgħid li l-artikolu 1 ta' l-Ewwel Protokoll jirreferi għall-interess pubbliku jew ġenerali, u mhux għas-skop pubbliku, u huwa dan il-

---

[32] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Pawlu Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)
[33] Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) , § 61
[34] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, *Law of the European Convention*, (2nd Edit.) f'paġġ. 656 – 8. Kif dan l-insenjament ġie applikat mill-Qrati tagħna f'każ ta' liċenzja ta' *shore foreman*, ara Kost. **1.10.2009**, fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Spiteri vs Avukat Ġenerali***

kriterju tal-interess li huwa l-qofol li jħoll u jorbot jekk għemil jiksirx dak l-artikolu konvenzjonali[35]. Il-kejl biex jitqies jekk tali interess pubbliku jew ġenerali jinstabx huwa dak li jqis jekk f'għemil partikolari joħroġx il-"*fair balance ... between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1*"[36];

Illi huwa stabilit li biex indħil fit-tgawdija tal-ġid ta' persuna jkun ġustifikat fl-interess ġenerali, irid jintwera li hemm utilità konkreta għal dak l-indħil, u mhux sempliċi ipotesi ta' bżonn jew aspirazzjoni. Minbarra dan, l-interess ġenerali jew pubbliku għandu jibqa' jseħħ għaż-żmien kollu tal-indħil fit-tgawdija tal-ġid tal-persuna[37];

Illi huwa mgħallem li, għall-finijiet ta' l-artikolu 1, "*there will be deprivation of property only where all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. ... In the absence of a formal extinction of the owner's right, the Court has been very cautious about accepting that a de facto deprivation of property qualifies as a 'deprivation' for the purposes of Article 1/2. De facto takings are generally understood to occur when the authorities interfere substantially with the enjoyment of possessions without formally divesting the owner of his title.*"[38] Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[39];

Illi minbarra dan, kif ingħad aktar qabel, huwa aċċettat li s-setgħa tal-Istat li jindaħal biex b'liġi jikkontrolla l-użu tal-ġid taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll hija setgħa wiesgħa u diskrezzjonali. Dejjem tibqa' l-ħtieġa li jintwera (mill-istess Stat) l-interess ġenerali u l-bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-individwu u dak tal-komunita'[40];

Illi, min-naħa l-oħra, għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa ta' interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

[35] Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) (kawża dwar esproprju ta' post biex jintuża bħala banka tal-lottu
[36] ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik.Nru. 7151/75) §69
[37] Kost. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet***
[38] Harris, O'Boyle, Bates & Buckley, *op cit.*, paġġ. 677 – 8
[39] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et***
[40] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera de' Petri Testaferrata Boniċi Ghaxaq vs L-Avukat Ġenerali et***

Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[41], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[42]. Madankollu, il-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[43];

Illi huwa aċċettat ukoll li s-setgħa mogħtija lill-Istat li jikkontrolla l-użu tal-ġid ukoll għal għanijiet soċjali jew fl-interess pubbliku trid titwettaq b'mod proporzjonali mal-interessi tas-sid privat fit-tgawdija ta' ħwejġu[44]. Din il-proporzjonalità tinkiseb fis-sura ta' ħlas ta' kumpens xieraq u għalhekk jekk il-kumpens maħsub mil-liġi ma jkunx xieraq, jonqos l-element tal-proporzjonalità. Jekk jonqos dan l-element, ikun hemm ksur tal-jedd fundamentali għat-tgawdija paċifika tal-ġid kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni;

Illi huwa stabilit li, fejn jidħol l-aspett tal-proporzjonalità taħt il-Konvenzjoni "*inherent in the whole of the Convention is a search for a fair balance between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights". This balancing approach known under the term of principle of proportionality has acquired the status of general principle in the Convention system.*"[45]. Dan l-element tal-proporzjonalità kien kunsidrat b'reqqa mill-ogħla Qorti f'Malta f'għadd ta' każijiet u l-Qorti tqis li għandha taċċenna għalihom bla ma tidħol f'dettal ta' tismija mill-ġdid[46];

Illi applikati dawn il-prinċipji għal dan il-każ, fil-fehma tal-Qorti, l-argument tal-intimati li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li liċenzja ta' irmiġġjaturi hija fil-fatt 'possediment' ma jistax jintlaqa'. Għall-kuntrarju, ir-rikorrenti urew biċ-ċar il-valur ekonomiku marbut ma' liċenzja bħal din, ukoll jekk wieħed iżomm quddiem għajnejh iż-żmien limitat li għalih tingħata u l-fatt li ma tistax tintiret awtomatikament. Il-liġi nnifisha tirrikonoxxi l-element ekonomiku ta' din il-liċenja billi tistabbilixxi t-tariffi li irmiġġjaturi 'liċenzjati' jitħallsu bihom, u l-portijiet li irmiġġjaturi 'liċenzjati' jagħtu s-servizz tagħhom fihom. Għalhekk, il-Qorti sejra tissokta biex tqis l-ilment ewlieni tar-rikorrenti taħt il-profil tal-artikolu tal-Konvenzjoni;

---

41 Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***
42 Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87
43 K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) paġ. 501
44 *Ibid*. §§ 56 u 58
45 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak ***Theory and Practice of the European Convention on Human Rights*** (4th Edit, 2006), § 17.4.2, f'paġġ. 882 – 3
46 Ara Kost. **27.4.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Michael Xerri et vs Avukat Michelle Tabone noe et***, fost bosta oħrajn

Illi mis-sottomissjonijiet tagħhom, il-Qorti tifhem li r-rikorrenti mhux qed jikkontestaw il-ħtiġijiet u l-isfidi marittimi li għalihom l-Istat kellu jaddatta tul is-snin. Dak li fil-fehma tagħhom huwa nieqes fl-aġir tal-Istat meta nħarġu l-Avviżi Legali li minnhom jilmentaw ir-rikorrenti, huwa n-nuqqas ta' proporzjonalità bejn l-indħil l-Istat u l-interessi tagħhom bħala persuni liċenzjati. Jorbtu l-interess tagħhom mal-aspettattiva leġittima li l-liċenzja mhux biss tibqa' tiġġedded minn sena għal oħra, iżda li tibqa' tagħtihom l-istess jeddijiet. Dan in-nuqqas ta' proporzjon, fil-fehma tagħhom, seta' jonqos kemm-il darba r-rikorrenti jiġu kumpensati għalih[47];

Illi l-intimati, min-naħa tagħhom, jgħidu li r-rikorrenti m'għandhom ebda aspettattiva leġittima li jibqgħu jgawdu l-liċenżja għal dejjem. Iżidu jgħidu li l-interess tal-Gvern fir-riforma tax-xogħol fil-portijiet kien wieħed leġittimu, rikonoxxut bħala tali mill-Qrati tagħna[48], u li bil-bidla leġislattiva, ir-rikorrenti ngħataw saħansitra esklussività f'xi portijiet li jaħdmu minnhom[49];

Illi dwar il-jedd tal-Istat li jwettaq ir-riformi meħtieġa, il-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali f'kawża li toqrob lejn din[50] meta sabet li ".. *l-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-għan ewlieni wara r-Riforma tal-Portijiet huwa wieħed magħmul fl-interess pubbliku in ġenerali u bi ħsieb leġittimu minbarra li huwa ta' fejda kbira għat-tisħiħ ekonomiku tal-pajjiż*";

Illi mill-atti jirriżulta li, f'temp ta' ftit snin, il-liġi li tirregola l-irmiġġjaturi nbidlet diversi drabi, u dan wara diskussjonijiet li seħħew bejn l-Awtorità u r-rappreżentanti sindakali tal-kategoriji ta' ħaddiema li magħhom l-irmiġġjaturi kienu msieħba, diskussjonijiet li wasslu biex ittejbu t-tibdiliet li ġabu l-ewwel emendi. Il-fatt innifsu li kien hemm dawn il-bidliet ġo xulxin, juri strateġija ftit dubjuża min-naħa tal-Awtorità intimata, u li bla dubju setgħet wasslet biex ħolqot inċertezza u tħassib fost l-irmiġġjaturi liċenzjati dwar il-ġejjieni tal-impjieg tagħhom;

Illi min-naħa l-oħra, ma jirriżultax li l-Awtorità qatt kellha xi ħsieb li l-liċenzja ta' irmiġġjaturi ttemmha, għall-anqas ma tressqet l-ebda prova mir-rikorrenti li turi ħsieb bħal dak;

Illi jirriżulta wkoll li l-irmiġġjaturi llum huma regolati bl-Avviż Legali 253 tal-2012 (li ma jidhirx li reġa' ġie emendat), u li permezz tiegħu ġew stabbiliti l-portijiet li l-irmiġġjaturi jagħtu fih servizz esklussiv;

---

[47] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti f'paġġ. 220 sa 221 tal-proċess
[48] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet tal-intimati f'paġ. 244 sa 247 tal-proċess
[49] *Ibid* paġ. 243 tal-proċess
[50] Kost. **1.10.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Spiteri vs Avukat Ġenerali et***

Illi meta l-Qorti tiġi biex tqis jekk l-indħil li r-rikorrenti ġarrbu huwiex wieħed li joqgħod għall-ħtiġijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni, trid tagħmel "*an overall examination of the various interests in issue, bearing in mind that the Convention is intended to safeguard rights that are 'practical and effective'. It must look behind appearances and investigate the realities of the situation complained of*"[51];

Illi meta l-Qorti tqis il-fatturi kollha, tasal għall-fehma li *f'dinja kompettitiva,* bħal ma huwa l-qasam marittimu f'Malta, bidliet fl-ambjenti tax-xogħol huma mistennija[52]. L-emendi leġislattivi bejn is-sena 2010 u 2012 juru biċ-ċar li l-Awtorità ittantat toħloq bilanċ bejn li ttejjeb is-servizz fil-port, u li ma ċċaħħadx lill-irmiġġjaturi mix-xogħol siewi li kienu qed jagħtu. Min-naħa l-oħra, jirriżulta li bejn is-sena 2010 u sakemm intlaħaq il-'*mooring services level agreement*' fis-sena 2012[53], ir-rikorrenti finanzjarjament marru minn taħt;

Illi għalhekk, il-Qorti tasal għall-fehma li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija paċifika ta' ħwejjiġhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u dan minħabba l-bidliet li ddaħħlu fil-liġi bejn l-2010 u l-2012 li ħoloq piż sproporzjonat meta mqabbel mal-għan li għalih iddaħħlu fis-seħħ l-istess dispożizzjonijiet;

Illi fid-dawl tal-fehma li waslet għaliha, il-Qorti tista' tieqaf hawnhekk fl-istħarriġ tagħha. Madankollu, ssib li jkun xieraq li tgħaddi biex tqis ukoll l-**ilment tar-rikorrenti li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma jkunux diskriminati**. Huma jsejsu l-ilment tagħhom taħt **l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;**

Illi fl-artikolu 14, il-Konvenzjoni trid li t-tgawdija tad-drittijiet u tal-libertajiet imħarin fiha tkun assigurata bla diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor;

Illi, minbarra dan, taħt il-profil ta' ksur taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni illum il-ġurnata huwa stabilit sewwa li biex jitqies li jkun ingħata trattament diskriminatorju kontra persuna jeħtieġ jirriżulta li (a) jkun ingħata lil persuna trattament differenti minn dak mogħti lil persuna jew għadd ta' persuni oħrajn (b) li jkunu fl-istess qagħda jew waħda li tixbahha, (ċ) liema trattament differenti ma jkunx oġġettivament jew raġonevolment mistħoqq jew (d) jekk

[51] Q.E.D.B. **15.12.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Amato Gauċi vs Malta*** (Applik. Nru. 47045/06) §58
[52] Ara f'dan is-sens, il-kawża P.A. JZM **28.11.2013**, fl-ismijiet **Adrian James Abela et vs. Awtorità għat-Trasport f'Malta**
[53] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Joseph Farruġia f'paġ. 149 tal-proċess

f'dak it-trattament tkun nieqsa l-proporzjonalità bejn l-għan mixtieq u l-mezz użat[54];

Illi wkoll b'riferenza għall-imsemmi artikolu, meħtieġ jintwera (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba flartikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[55]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[56];

Illi llum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[57];

Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza*

[54] Ara P.A. (Kost.) TM **26.2.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Albert Paċe Cole vs Chairman Maltacom p.l.c. et***
[55] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[56] Harris, O'Boyle & Warbrick *op cit*, paġġ. 465 – 6
[57] QEDB **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161

*fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[58];

Illi r-rikorrenti jilmentaw li meta mqabbla mal-professjoni tal-bdoti, huma ġew diskriminati. Huma jserrħu l-argument tagħhom fuq il-fatt li qabel ma daħlu fis-seħħ fl-2003 il-bidliet fil-liġi, kemm il-bdoti kif ukoll l-irmiġġjaturi kienu regolati minn liġi waħda;

Illi l-intimati, min-naħa l-oħra, jargumentaw li t-trattament divers li jilmentaw minnu r-rikorrenti mhux mibni fuq l-ebda wieħed mill-kawżali mħarsa mill-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Illi l-irmiġġjaturi jistgħu jqabblu lilhom nfushom biss ma' rmiġġjaturi oħra u mhux ma' okkupazzjoni oħra, bħalma huma l-bdoti;

Illi bla tlaqliq, il-Qorti tilqa' l-argument tal-intimati li ma jistax isir tqabbil bejn il-professjoni tal-bdoti u dik tal-irmiġġjaturi, għaliex minkejja li l-bdoti kienu u għadhom jiġu megħjuna mill-irmiġġjaturi fix-xogħol tagħhom, iż-żewġ professjonijiet huma distinti u separati minn xulxin. Il-fatt ukoll li għal snin twal, iż-żewġ professjonijiet kienu regolati bl-istess liġi, il-Qorti ma tqisux bħala argument b'saħħtu biżżejjed li jagħtihom jedd jinvokaw dan id-dritt favur tagħhom;

Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma sabix li r-rikorrenti wrewha tajjeb biżżejjed li huma tassew ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom li ma ssirx diskriminazzjoni magħhom taħt il-Konvenzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel talba tat-rikorrenti** safejn imsejsa fuq l-ilment tagħhom li ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħares bl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, u **tiċħadha** safejn imsejsa fuq ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni ;

**Tordna** li s-smigħ tal-kawża jitkompla bil-provi u t-trattazzjoni dwar it-tieni talba tar-rikorrenti; u

[58] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjetà Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007)** li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

**Tordna li l-ispejjeż** marbuta ma’ din is-sentenza jitħallsu mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta’ Ġunju, 2020**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta’ Ġunju, 2020**